# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' l-10 t'Ottubru 2023**

**Talba nru. 54/2023**

**GEORGE GRIMA**
**(KI 33392M)**
**GHAN-NOM U IN RAPPREZENTANZA TA' ARCHITWORKS LIMITED (C-90834)**

*VERSUS*

**JAMES ATTARD**
**(KI 446988M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentat fit-8 ta' Frar 2023 (Fol 1 et seq), l-attur talab lil dan it-Trubunal jikkundanna lilll-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' elfejn hames mija sitta u hamsin Ewro u disgha u tmein centezmu (Eur 2556.89) liema somma tirraprezenta Eur 1906.89 spejjez subiti sabiex is-socjeta attrici terga tiehu lura fil-pussess taghha l-vettura ta' l-ghamla Berlingo li kienet tappartjeni lilha u li kienet giet mizmuma mill-konvenut anke wara t-tmiem ta' l-impieg tieghu kif ukoll l-ammont ta' Eur 650 rapprezentanti self brevi manu. Bl-ispejjez u bl-imghax.

Ra illi l-konvenut gie debitament notifikat fil-5 ta' Mejju 2023 a fol.12.

Ra illi minkejja illi l-konvenut gie notifikat, baqa ma ressaqx risposta fit-terminu moghti bil-ligi u lanqas deher ghas-seduta tad-29 ta' Mejju 2023 u lanqas deher xi rapprezentant ghalih sabiex iwiegeb ghat-talbiet attrici.

Ra illi fid-dawl ta' dan in-nuqqas, it-Tribunal iddikjara illi l-konvenut kien kontumaci.

Ra l-affidavit ta' George Grima.

Sema x-xhieda ta' Carmel Camilleri u John Magro.

Ra d-dokumenti prezentati.

Ra l-atti processwali.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra.

Illi s-socjeta attrici qed titlob l-ammont ta' elfejn hames mija sita u hamsin Ewro u disgha u tmenin centezmu (Eur 2556.89) ghal spejjez li l-istess socjeta kellha thallas sabiex tiebhu pussess ta' vettura li kienet tappertjeni lilha kif ukoll Eur 650 ghal self brevi manu.

Illi x-xhud Carmel Camilleri jghid illi huwa kellu incident awtomobilistiku b'van u l-imghallem tieghu, George Grima, qallu sabiex jirrangaw il-van ghand haddiem iehor li huwa l-konvenut. Ix-xhud jghid illi il-konvenut kien ha z-zmien sabiex isewwi dan il-van u kien kull darba jitlob il-flus sabiex ikun jista jixtri l-parts ghalih. Jaf ukoll illi George Grima kien tah cekk lill-konvenut sabiex ikun jista jixtri l-parts u wara ftit zmien kien anke kien qallu li l-van kellhom jehduh minghand il-konvenut u haduh ghand mechanic iehor.

Fl-istess seduta tas-6 ta' Lulju 2023, xehed ukoll John Magro li qal li kien hu li sewwa l-van Peugeot. Ix-xhud ighid li l-van kien ittiehed ghandu bla mudguard, bla bumper u bla bonnet. Meta lesta dawn ix-xogholijiet ix-xhud kien thallas ta' dawn it-tiswijiet. Ix-xhud ighid illi l-van kien hadulu George Grima permezz ta' tow truck.

George Grima fl-affidavit tieghu jghid illi huwa direttur fi hdan is-socjeta Architworks Ltd. Jghid illi lill-konvenut kienu impjegawh mal-kumpannija taghhom. Ix-xhud jispjega illi l-konvenut kien jaghmel uzu mill-vettura tal-kumpannija ta' l-ghamla Berlingo bin-numru ta' registrazzjoni JJS-444 u wara li inhasset il-htiega li jsiru certu tiswijiet ix-xhud kien iddecieda li l-istess vettura tissewwa mill-istess konvenut wara l-hin tax-xoghol. Minkejja dan, il-konvenut qatt ma ghamel l-ebda xoghol fuq din il-vettura.

Ix-xhud kellu jingagga servizz ta' towing sabiex ha l-vettura lura fil-pussess tal-kumpannija. Meta ittiehdet il-vettura, x-xhud ighid illi kien induna li l-vettura kellha ammont ta' hsarat li suppost kellhom jissewwew mill-konvenut izda li ma kien sar xejn. Il-kumpannija kellha tirrikorri ghal spejjez addizzjonali. Minbarra dan, ix-xhud ighid illi l-konvenut kien inghata l-ammont ta' Eur 800 permezz ta' cekk u dan bhala self.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din id-disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Illi l-konvenut wara li gie debitament notifikat baqa ma ressaqx rispsota fiz-zmien moghti mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti sabiex issehh kontestazzjoni ghal pretiza attrici.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta ghamel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

Illi tenut kont illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal jixtieq jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Illi mill-provi u dokumenti prodotti t-Tribunal jaghraf illi gew prezentati diversi fatturi li thallsu ghal parts li kellhom jinxtraw sabiex jissewwa l-van, kif ukoll ghat-towing u sabiex inkriet vettura ohra sakemm issewwiet il-vettura tal-kumpannija. Izda dan it-Tribunal ma jistax, mill-provi prodotti jiddeduci ghalfejn l-ispejjez tal-parts sabiex jissewwa l-van kellhom jithallsu mill-konvenut. Lanqas jista t-Tribunal jiddeduci minn rajh kemm kien inghata flus il-konvenut sabiex isewwi il-vettura ghaliex ma giet prodotta l-ebda prova ta' dan.

L-istess jinghad ghar-rigward ta' l-allegat self li inghata. It-Tribunal jinnota illi filwaqt li fit-talba jissemma l-ammont ta' Eur 650, ix-xhud principali u cioe George Grima jghid li kien sellef l-ammont ta' Eur 800.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, t-Tribunal sejjer jikkonkludi li s-socjeta attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat limitatament ghal dak li jirrigwarda t-towing u l-kiri ta' vettura sakemm isewwiet il-vettura li kellu jsewwi l-konvenut.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici limitatament fl-ammont ta' elf u hamsa u tmenin Ewro (Eur 1085.00) fil-konfront tal-konvenut konsegwentament jikkundannah ihallas l-ammont ta' elf u hamsa u tmenin Ewro bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mit-8 ta' Frar 2023 li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur